# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Athenæum Melitense

**L-Ewwel Sena** **Jannar 1932** **No. 11**

Stampât fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

The Royal University of Malta

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTUR: ĠUŻÈ BONNICI, B.SC., M.D.

JANNAR 1932] L-EWWEL SENA [Nru 11

## LIEMA HU L-EWWEL DMIR TAGĦNA

Stqarrajnieh bosta drabi li l-Malti nħobbuh u tajna aktar minn darba xhieda ta' kemm inħobbuh. Naqrawh u nissaħħru warajh. Kull ma jsir għal ġieħu ngħinuh kemm nifilħu. Nogħxew bil-ħlewwa li nħossu meta nisimgħu min ifaħħru, infuru bis-saħna meta nisimgħu min imaqdru.

Iżda dan mhux biż-żejjed. Dmir ieħor għandna fuqna li hu l-aqwa dmir tagħna bħala xirka. Jiġifiieri kull wieħed minna għandu jikteb bil-Malti. Proża jew poeżija, kullħadd kif iħossu miġbud, kollox jiswa u kollox jeħtieġ biex iżomm fil-Malti dik il-ħeffa li biha jista' jdur biex ifisser kull ħsieb tal-moħħ u kull ġibda tal-qalb. Jekk il-Malti ma nħaddmuhx bil-kitba, jiġrilu bħal biċċa għodda li, jekk ma taħdimx biha, issaddad u ma tibqâx tajba għax-xogħol. Hadd ma jkewtel li ma jafx jikteb. Min ma jafx jitgħallem, u għalhekk għandu jibda biex jitħarreġ. Ħafna l-lum jiktbu tajjeb li sena ilu qatt ma kien għadhom kitbu kelma bil-Malti.

Jekk il-Malti l-lum inħossuh ftit iebes biex infissru l-ħsebijiet tagħna kollha, jaħtu ħafna ż-żmenijiet ta' qabilna li minn mitt sena l-ura ħwejjeġ żgħar tawna kotba Maltin. Kemm nixtiequ nafu kif kienu jaħsbu, jitkellmu u jiktbu mitejn, tlett mija, erba' mija, ħames mitt sena ilu? U kemm nilqgħuh bil-ferħa kieku nsibu ktieb Malti ta' dawk iż-żmenijiet.

Għalhekk jekk irridu li ta' wrajna jberkuna, inħallulhom wirt għani ta' kitba Maltija, ta' kitba tajba, ta' kitba li żżomm dejjem ħajjin ma' tul iż-żmenijiet kollha l-moħħ tagħna u l-qalb tagħna.

# NIFTAKAR...

Niftakar tfuliti, mgħoddija fil-hena,
Fil-hena bla dwejjaq, bla slaleb, bla ħsieb;
Ma kontx ħlief nitliegħeb u naħseb nitliegħeb,
Nitkellem, nitlewwem, nissewwa mal-ħbieb!

Niftakar il-biża' u r-rogħda ta' qalbi,
X'ħin dħalt l-ewwel darba ġo dar it-tagħlim,
U l-bewsa li tatni dlonk ommi fuq ġbini,
X'ħin ratni ma' sħabi fil-ġid, fil-ftehim.

Niftakar il-knisja mixgħula bix-xama'
Mimlija, mimlija bi tfal imżejjnin,
U jien mitluf fosthom, bejn ħieni u bejn mistħi,
Lejn l-Ikla tas-sema, bil-ħerqa, resqin.

Niftakar il-firda qalila minn niesi
U l-karba li karbet qalb ommi, fil-ħin
Li kelli nitbiegħed, għal kotor ta' moħħi,
U d-dmugħ, li ma' wiċċha bil-kotra nieżlin.

Niftakar, niftakar, sal-lum għadni nħossha,
Fil-knisja, li l-aqwa fil-belt tal-Papiet,
Titqigħed fuq rasi l-îd t'isqof setgħana,
Li tatni dis-setgħa u l-ġiħ tas-smewwiet!

Niftakar is-siegħa qalila u tal-biża',
X'ħin dak illi tani din ħajjti ġiè miet;
U waqt li din idi merfugħa għal maħfra,
Il-ħajja minn ġismu, għal dejjem, intfiet!

Hekk tgħaddi ħajjitna, ħajjiet in-nies kollha,
Minsuġa bin-niket, bil-għali u bil-ferħ,
Sa kemm tintemm darba, tinbidel f'ħajja oħra,
Li fiha bit-tama li jkollna ġid, serħ!

Tas-Sliema, 9/11/32.

DUN PIETRU PAWL GRIMA.

# BAĦ ĦARA

Kien ilhom seba' snin ma jmorru fuq il-baħar, u għad li ma kellhom ebda għelt u taħbit, għalihom kienu seba' snin twal, fiergħa, neqsin minn xi ħaġa. Iż-żmien kien għamel bihom; ma kenux jifilħu iżjed għax-xogħol; wara ħajja twila fuq il-bastimenti, dawn it-tliet baħrin sabu ruħhom mifruda minn l-egħżeż ħaġa li kellhom u li ħabbew forsi aktar minn art twelidhom. Kemm kien sabiħ għalihom il-baħar; fil-bnazzi u fil-qilla tiegħu kien isaħħarhom u jiġbidhom lejh. L-isbaħ ġranet ta' ħajjithom kienu dawk li għaddew flimkien fuq vapur wieħed; u meta ma setgħux igħixu iżjed hekk, marru joqogħdu f'dar żgħira mhux bogħod mill-baħar.

Fuqhom kienet għaddiet tibdila li ma bħalha. Dawk iż-żgħażagħ mimlija bis-saħħa, dejjem imhejjija għax-xogħol u għat-tiġrib, bla qatt ma jħossu mard jew għejja, saru xjuħ bla ħila, bil-kemm jifilħu jimxu, imregħda, maħqura mill-bard u l-irwiefen.

Mhux għalhekk iżda kienu jħossu ruħhom imdejqa; ma kenux jindunaw kemm ftit kienu jifilħu u ma setgħu qatt jifhmu xi tfisser it-tbissima ta' min kien jisma dak li riedu jagħmlu.

Għad li huma tbiddlu, ma kenux tbiddlu x-xewqat tagħhom. Dejjem baqgħu jixtiequ jitilqu għal xi safra twila bħal dawk ta' żgħożithom, u biex jibqgħu b'xi mod marbutin mal-baħar, ġew joqogħdu ħdejh, jistennew lil min jiġi minn fuqu, u jdawluh bil-lejl b'lampa kbira mqegħda fit-tieqa. Fil-kmajra tagħhom kienu jżommu bosta ħwejjeġ li jfakkruhom fil-pajjiżi l-oħra u fil-baħar; mad-daqqa ta' għajn kont tara li ħadd ħlief xi baħri ma sata' joqgħod hemm. Barra minn ħbula mkebba, stampi ta' vapuri, għodda tas-sajd—qasab, xolfa, snanar, rix, ċomb, kollox mixħut ħorrox borrox f'rokna—kien hemm senduq kbir ġo fih bċejjeċ tal-fidda, ħaġar midmum, ħoloq kbar b'kitba barranija, ġarra sabiħa imma qadima tajba għal Mużew, ankra miksura, erba' idoli jwaħħxu donnhom qegħdin jistennew il-qima lilhom imċaħħda, u ħafna ħwejjeġ oħra li huma kienu jgħożżu u kull tant juruhom lin-nies li jkunu semgħu l-ġrajja tagħhom. B'dan kollu ma kenux ħienja. Għaliex? Fin-nies ta' ma' dwarhom ma setgħu jgħidu xejn, għax kienu jħobbuhom; Marietta kienet siqwit tatihom daqqa ta' id filli jeħtieġu, talli kienu fejqulha lil binha, b'duwa li saru jafu biha fis-safar; Ġamri arah ġej kull tant b'xi erba' ħutiet sbieħ, "għax" kien igħid, "li ma kenux dawk it-tliet baħrin li wrewni kif insewwi l-kajjikk, u x'nagħmel biex ix-xbiek ma jitqattgħux malajr, ma nafx il-lum kienx ikolli

x'niekol," għax Ġamri ma kellux min igħallmu s-sengħa tas-sajd; il-kbar kienu jaqblu magħhom filli dari d-dinja kienet wisq aħjar; it-tfal kienu jduru magħhom kull fejn jarawhom, isejħul-hom "nan" u jitolbuhom igħidu l-istorja tat-taqbida mal-Franċiżi, tal-għarqa ħdejn l-Amerka, tal-ħelsien tagħhom mill-gżira tas-salvaġġi, u t-tlieta ħallihom jieħdu gost jiftakru b'għemilhom u jżiduh ukoll. Billi ħadd f'dawk l-inħawi ma kien ixjeħ minn-hom, ħadd ma sata' jmerihom fi ħwejjeġ li huma biss kienu jif-takru. Tismagħhom jitkellmu fuq Napuljun, kont tgħid li fl-aħħar mill-aħħar ma kien għamel xejn biex jistħoqqlu dak il-ġieħ kollu; għax għal dawn il-baħrin is-suldati ma jiswew xejn ħdejhom, u la daaba Napuljun kien ġeneral, ma sata' qatt jagħ-mel ħwejjeġ kbar; u kullħadd kien jaqbel magħhom, barra miż-żgħażagħ, li moħhom mimli bil-kobor tal-gwerra, ma kenux jaħsbu ħlief f'taqbid, rebħ u wnuri. U l-baħrin tagħna, iħarsu lejn dawn iż-żgħażagħ imħeġġa, kienu jiftakru fiż-żmien li fih kienu ħienja,bla ħsieb ta' xejn u jsaqsu lilhom infushom għaliex issa ma kienu qatt imxebbgħa u fil-paċi.

Huma kienu mdorrijin fil-kobor, fil-beraħ, u sabu ruħhom mdejqin fuq l-art; li kienet tidrilhom żgħira wisq, u iżjed u iżjed żgħira kienet il-kamra tagħhom; għad li kellhom kull ma jeħ-tieġu ma kellhomx sabar, baqgħu dohnhom qegħdin jistennew xi ħaġa li qatt ma għarfu jfissru.

Min jaf? Għandu mnejn għaliex qatt ma kienu għarfu sewwa lil Dak li Tiegħu raw ix-xbieha fil-kobor, fil-ġmiel u fil-qawwa tal-baħar.

MARY CARUANA

# XWEJJAĦ

Bħal dehra għaddejt, ja xwejjaħ, minn quddiemi,
b'taż-żmien it-toqol mgħawweġ u titwieżen
fuq il-ħatar illi idejk bil-kemm jifilħu
iżommu imħabba ir-rogħda illi is-snin fuqek
tefgħu. Ftit xagħar bajdani kien jgħattilek
rasek, u għajnejk fil-ħofra b'dawl inewnen
mixgħula, bħal musbieħ li sa jintefa',
li ftit ħajja baqagħlu.

Liema ġrajja
ta' dwejjaq u ta' ferħ, ta' biki u t'hena
għaddew minn fuqek! Għidli jekk tiftakar
iż-żmien ewlieni tiegħek, ta' tfulitek,
dawk il-jiem hekk imbegħda tat-trobbija,
meta ommok, b'dik il-ħlewwa u b'dik l-imħabba
li hi mill-omm biss magħrufa, ġo ħoġorha
kienet tħannek, u magħha kienet trossok
u tagħfsek ma sidirha; u f'dik ix-xrara
ta' imħabba lil ħaddejk, mitlufa tbewwes
bla ma tehda. Imbagħad, meta fiż-żogħżija
bdejt dieħel, kemm xewqat u liema tama
ma serrħetx fuqek? Liema seħer kellha
sabiex minnek imwettqa fis tarahom!!
Iżda int kbirt; sirt żagħżugħ; qalbek bl-imħabba
dlonk bdiet tixgħel u tħabbat; sakemm fl-aħħar,
għajnejk mimlija bl-hena u bin-nar qalbek
imħeġġa lemħu xbejba: u hemm is-serħ tagħhom sabu.

U hekk bqajt tgħix, imdawwar bit-trobbija
ta' uliedek, il-lum fl-hena u għada fin-niket;
sakemm biż-żmien usalt kif narak issa:
mhux aktar b'dik il-ħeffa taż-żogħżija
tmidd riġlejk, u daħqani u mimli saħħa,
mimli ferħ, tħares.

L-ebda lewn ma jħammar
lil dawk ħaddejk midbiela, kollha imkemmxa;
il-ftit xagħar li baqalek mhux sewdieni.
imma lewnu ħa il-lewn safi tal-borra;
lil ħalqek ħallew snienek; mhux bħal qrolla
jilmu xoftejk, iżda sfajrin, bla ħajja,
jirtgħodu; u dawk għajnejk, li darba kienu,
fis-snin li għaddew, mimlija dija u ħajja,
issa għal kollox intfew; mitlufa f'ħofra,
daqqa bid-dmugħ mgħottija lejn l-imgħoddi
iħarsu; u daqqa imbeżżgħa, lejn il-qabar.

Novembru 1931 — CARM. VELLA.

# LIL OMMI

Ma, għalkemm it-trieqat ta' din il-ħajja
Minnek begħduni ftit, m'għadnix bħal qabel
Ġo ħoġrok noqgħod, w'int il-bews tfaqqali:
Bla ma nintebaħ dejjem int warajja;
Trid tiġi imqattgħa bid-daqqiet tal-ħabel,
Xagħra minn rasi qabel ma taqali.
Trid inti tagħli waqt li jien nithenna:
Bħalek ma nsibx; ma, ma ġejt int mill-ġenna?

(2)

Għedtlek "meta immut jien," żammejtli kliemi,
Tlabt lil Mulej dan ma jiġrix bil-ħerqa;
Alla jħarisni narak mejjet ibni!
Għedtlek jekk tmutli nibqa jien waħdieni,
Iltim, bil-għali qalbi żgħira mtertqa,
U f'qasir żmien fil-qabar dlonk issibni.
Ridt ma tmutx qabli, ridt ma tmutx warajja:
Għall-ewwel darba xtaqt ma kontx fil-ħajja.

(3)

Għadda ż-żmien, ta' ħaddejk intfiet il-warda,
Marret is-saħħa minn dirgħajk qawwija,
Il-ġilda nġibdet fuq idejk wisq bieżla;
Għadni narak bħal meta kont jien narda,
Biss wiċċek aktar mimli sar bid-dija,
Li ġġagħlni inqim bil-ferħ lil ħajtek nieżla;
Kliemek inħossu wisq oħla mill-għana
Ħiereġ minn qalb għal ġid tiegħi rebagħna!

Ant. Buttigieg

28/2/31

# META KIEN ID-DILLUVJU?

Jekk irridu nqassmu l-ġrajja tad-dinja waħda wara l-oħra fil-mixja tas-snin, aktar ma mmorru l-ura biex inqiegħdu fis-sena li tmisshom l-ewwel u l-eqdem ġrajja aktar inħossuna minn ħawn u minn hemm imfixklin u ma nistgħux nimxu. Kemm il-sena ilu li nħalaq il-bniedem? Kemm il-sena ilu li għerqet id-dinja bid-dilluvju? Għal dawn u għal mistoqsijiet oħra l-għerf tal-bniedem jibqa sieket. Iżda xi drabi l-bniedem jasal biex jaqbad xi tarf, jasal biex jara xi xaqq dawl li jurih għall-inqas it-triq li miexi fiha.

Kien ilhom jafu l-għorrief li d-dilluvju eqdem minn elfejn sena qabel Kristu. Iżda kemm il-mitt sena fuq l-elfejn ma setgħux igħiduh sewwa; provi biż-żejjed ma kellhomx. Prova qawwija sabuha m'ilux. Xi sentejn jew tlieta ilu S. Langdon, Professur f'Oxford kien qiegħed imexxi xi taħfir fil-belt qadima ta' Kish, fil-Mesopotamja. Aktar ma kien iħaffer l-isfel, aktar kien isib fuħħar, għadam, żnied u ħwejjeġ oħra li juru d-drawwiet ta' dik il-belt jitbiddlu ma' tul is-snin. Imma f'daqqa bla ħsieb ta' xejn isib saff mogħla pied u nofs kollu ramel irqiq, irqiq tax-xmajjar, u bebbux u fdal ta' ħut tax-xmajjar. Baqa' jħaffer l-isfel minn dan is-saff u reġa' beda jsib fdalijiet oħra tal-ħedma tal-bniedem.

Mela dak is-saff ramel jaqsam fi tnejn l-istorja ta' dik il-belt. Qablu kienet il-belt imgħammra, u warajh kienet ukoll il-belt imgħammra. Iżda xi jfisser dak is-saff? Il-Professur Langdon ma jdumx jaħsibha wisq. Dak is-saff kollu ramel u bebbux juri li fi żmien qadim il-belt kienet imgħarrqa kollha bl-ilma, u l-istorja ma ssemmi l-ebda għarqa hekk kbira ħlief il-għarqa tad-dilluvju. Mela dak is-saff ramel huwa prova tad-dilluvju. Mhux dan biss, iżda wara li qagħad jifli bir-reqqa kull ma sab f'dak it-taħfir fuq is-saff u taħtu, il-Prof. Langdon deherlu li d-dilluvju ġara xi 3300 sena qabel Kristu.

F'dan il-bogħod kollu ta' żmien, mija jew mitejn sena l-ħawn u l-hemm hi ħaġa żgħira, u għalhekk jekk inżidu xi ħaġa ma' 3,300 nistgħu ngħidu li d-dilluvju kien madwar 4000 sena q. K. Xi għorrief iridu jibqgħu jżidu ma' dawn l-4000 sena, għaliex, igħidu, dak iż-żmien, skond ma nafu mill-kitba fuq il-fuħħar u minn fdalijiet oħra qodma, id-dinja kien ilha li twieldet mill-ġdid u trawwmet bin-nies.

Hu xinhu jekk ma nistgħux naslu biex nagħirfu bir-reqqa f'liema sena jew f'liema ħabta sar id-dilluvju, nistgħu għall-inqas ingħidu l-ewwelnett li d-dilluvju sar żgur għax għandna x-xhieda tal-kelma tal-Iskrittura u x-xhieda tat-taħfir, u t-tieni li d-dilluvju sar għall-inqas madwar erbat elef sena qabel Kristu.

S.

# "ĦLEWWIET"

Kemm nixtieq qalb il-ħdura
Imbigħed mill-frugħa
U l-għagħa tal-bliet
Nagħddi fdal żmieni;
Kemm inkun ħieni
Fis-saltna ta' skiet
Imwarrab mill-blugħa:
Hemm qalbi fl-ogħla serħ tkun mistura.

Mas-sebħ tiġi fit-tieqa
Ix-xemx daħqanija
Biex lili hi żżur
Kollha ferħana.
Nisma bħal għana
Li qalbi bih tfur
Li bih imsoqqija
Tkun minn kull ħjel ta' niket jew dieqa.

L-għasfur jittajjar nilmaħ
Minn fergħa għal fuq fergħa
Ma' sħabu ferħan
Lil Mulej b'qima
Irodd it-tislima
Għax qam mis-serħan;
U għanjetu tinstema
Tofroq il-ħemda, u bih qalbi tifraħ.

Fuq il-weraq tal-ħdura
Tax-xemx taħt id-dija
Tan-nida il-qatriet
Jgħammxuli għajnejja.
Dlonk lil ħaddejja
Taż-żiffa il-mewġiet
Iħaddnu, imgħobbija
Bi rwejjaħ u fwieħat ta' kull sura.

Qajl qajl jintlew bil-ħajja
L-għelieqi: daħqana
Il-ħidma jibdew
Kmieni l-għazzieqa.
Dawn biex id-dieqa,
Kull hemm biex jinsew
Jintilfu fil-għana
Li jħollni, u kull ħsieb t'hemm 'nħalli urajja.

U fost ix-xogħol u l-għana
Dawn n-nies bla għerf, minsija
Mill-kburi imkasbrin,
Bl'hena dejjem magħhom
Igħaddu il-jiem tagħhom,
Għalkemm imċaħħdin
Mill-ġid u il-foħrija
Li tista' tagħti id-dinja rebgħana.

Xħin ix-xemx fil-għaxija
Issellem għajjiena
Lil wiċċhom għarqan,
L-għodda fuq dahrhom
Jgħabbu; u lejn dârhom
Jitilqu għas-serħan;
U tokk ta' qampiena
Jidwi ġo l-ajru: l-"Ave Marija."

F'dak il-ħin għar-rkubtejja
Jien b'rasi mikxufa
'Nrodd ħajr lil Ħallieq;
B'qalbi imsoffija
Mill-qerq u il-ħtija
Min-niket u id-dieq,
U f'ħolma mitlufa,
Bid-daqq tal-ħemda, nagħlaq għajnejja.

27-11-31.

CARM. VELLA

# TRIDHA?

*Lilek......*

Kienet wisq ħelwa, għalkemm daqsxejn xiplija,
Xuxt'a safrana, żoroq ħbub għajnejha;
Bil-ħmura tad-demm ftit u xejn misqija
wardiet ħaddejha.

Bi lwien il-qrolla imkebbsa dawk xofftejha;
Fommha imdaqqas bi snin bajdana ilkoll;
Leħenha safi, bħal widien mexxejja,
li il-qlub iħoll.

Imbagħad f'għajnejha kellha tixgħel dija
Li kienet tikxef l'hi tinsab ferħana;
Żagħżugħ hi kienet tħobb: fih biss megħdija,
fih issib l-għana.

Hu qalbu bin-nirien ta imħabba imqabbda
Ta' lilha; u hi qalb imħeġġa tagħtu lura;
It-tnejn jinħabbu: imxaħxa kienu f'raqda,
f'ħolma mistura.

* * *

Iżda biż-żmien mhux biss il-blat jixxejjen,
Il-bronz idub, u kull ma ħa it-twelid:
Għandu wkoll ħila li b-idejh iħajjen
tagħna il-wegħdiet.

U għalhekk, bix-xhur ġiet nieqsa dik il-ħrara
Ta' da ż-żagħżugħ, u in-nar ta' qalbu waqa';
Intfiet kull ġamra, intemmet fiss kull xrara,
li rmied biss baqa'.

U fuq dan ġew tar-riħ ħafna buffuri
Li tajruh minn fuq tan-nar il-qigħa:
Nesgħa ix-xbejba iż-żagħżugħ, sar magħha kburi,
u fl-hemm ħallieha.

Għalkemm hi rat dan kollu, b'tama f'qalbha
Ħafna drabi tennietlu kliem ta' ħniena;
Iżda huwa baqa' trux għal miksur talbha,
ma riedx jaf kliemha.

Darba ġe jum li wiċċ imbwiċċ iltaqgħu:
Waqfu miblugħa, minnhom ħadd ma sellem;
Iħarsu lejn xulxin għal ħafna baqgħu
bla ħadd ma tkellem.

Ma felħetx iżjed; kisret is-skiet fl-aħħar,
Dal kliem qaltlu, bir-rogħda fuq xofftejha:
"Kif għamilt lili il-ħadd qatt tagħmel aktar"
bid-dmugħ f'għajnejha.

* * *

Imsejkna xbejba! Bl-hemm int ġejt misqija
Wara li ix-xerred hena u ferħ kont qegħda.
Jekk inti tridha, lilek tkun mogħtija
qalb ta' poeta!

4—2—32 Carm. Vella

# Xerrdu dejjem

Leħen il-Malti

# TAGĦRIF

Fil-laqgħa li saret fl-1 ta' Frar, ġie magħżul dan il-kumitat:

| | |
|---|---|
| *President* | Prof. Dun P.P. Saydon B. Litt. B.L., Kan., D.D. |
| *Vici-President* | G. Bonnici B. Sc., M.D. |
| *Segretarju* | A. Buttigieg |
| *Kaxxier* | A. Mamo B.A. |
| *Membri* | J. Formosa B.A., P.L. |
| | C. Vella. |

A. Buttigieg
*Segretarju.*

# KOTBA LI WASLULNA

**Ward iehor**, ġabra ta' poëżijiet waħda isbaħ mill-oħra miktubin minn Dun Karm u stampata fis-sena 1920.

**In-nawfragju jew Ħmistax il-warda li fetħu fuq ix-xtajta fejn rifes S. Pawl.** Ħmistax il-poëżija miktubin minn Dun Karm waħda kull sena għal festa ta' S. Pawl u miġburin issa fi ktieb wieħed li qisu ħannieqa ta' ġawhar ta' kitba Maltija u kuruna ta' ward minsuġa minn qalb ta' iben lejn missierna S. Pawl.

**Ktieb Ġożwê** maqlub mil-Lhudi u mfisser minn Dun P.P. Saydon 1931. Hu s-sitt wieħed mill-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon.

**Il-ktieb ta' Eżdra u Nehemija** maqlub bil-Malti minn Dun P. P. Grima 1932.

Kollha mibgħutin mill-kittieba tagħhom barra mill-aħħar wieħed mibgħut mis-Sur Fons. Lil kullħadd nizżuħajr bil-qalb.

Dawk kollha li jridu jibagħtulna xi kotba tagħhom biex ikunu jafu l-fehma tagħna fuqhom, aħna nilqgħuhom bil-ferħa.

L-isbaħ kotba bil-Malti dejjem inħadmu
fl-*EMPIRE PRESS*
266, Strada San Paolo, Valletta

# ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.